Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1015/2010**

tal-10 ta' Novembru 2010

li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 293, 11.11.2010, p. 21)

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 298, 16.11.2010, p. 87 (1015/2010)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1015/2010

tal-10 ta' Novembru 2010

li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonamanet tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Wara li kkonsultat il-Forum tal-Konsultazzjoni dwar l-Ekodisinn,

Billi:

(1) Skont id-Direttiva 2009/125/KE, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti relatati mal-enerġija li jirrappreżentaw ammonti sinifikanti ta' bejgħ u kummerċ, li għandhom impatt ambjentali sinifikanti u li jippreżentaw potenzjal sinifikanti għal titjib f'termini tal-impatt ambjentali tagħhom mingħajr ma jinvolvu spejjeż eċċessivi għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

(2) L-Artikolu 16(2), l-ewwel inċiż tad-Direttiva 2009/125/KE jipprovdi li skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19(3) u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15(2), u wara li ġie kkonsultat il-Forum tal-Konsultazzjoni dwar l-Ekodisinn, il-Kummissjoni għandha, kif xieraq, tintroduċi miżura ta' implimentazzjoni għat-tagħmir domestiku, inklużi l-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi.

(3) Il-Kummissjoni wettqet studju ta' tħejjija biex tanalizza l-aspetti tekniċi, ambjentali u ekonomiċi tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi li tipikament jintużaw fid-djar. L-istudju ġie żviluppat flimkien mal-partijiet interessati mill-Unjoni u l-pajjiżi terzi, u r-riżultati tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

(4) Dan ir-Regolament għandu jkopri l-prodotti ddisinjati għall-ħasil tal-ħwejjeġ fid-djar.

(5) Magni domestiċi li jaħslu kif ukoll inixxfu għandhom karatteristiċi partikolari u għalhekk għandhom jiġu esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament. Madankollu, meta jitqies li joffru funzjonalitajiet simili għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi, għandhom jiġu indirizzati mill-iktar fis possibbli f'miżura ta' implimentazzjoni oħra tad-Direttiva 2009/125/KE.

([1]) ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

▼B

(6) L-aspett ambjentali tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi, identifikat bħala sinifikanti għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, huwa l-konsum tal-elettriku u tal-ilma fil-fażi tal-użu. Il-konsum annwali tal-elettriku u tal-ilma tal-prodotti soġġetti għal dan ir-Regolament ġie stmat li kien 35 TWh u 2 213 miljun m^3, rispettivament, fl-Unjoni fl-2005. Jekk ma jittieħdux miżuri speċifiċi, huwa previst li l-konsum annwali tal-elettriku u tal-ilma jkun 37,7 TWh u 2 051 miljun m^3 fl-2020. L-istudju ta' tħejjija juri li l-konsum tal-elettriku u tal-ilma tal-prodotti soġġetti għal dan ir-Regolament jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti.

(7) L-istudju ta' tħejjija juri li r-rekwiżiti fir-rigward tal-parametri l-oħra tal-ekodisinn imsemmijia fil-Parti 1 tal-Anness I għad-Direttiva 2009/125/KE mhumiex meħtieġa minħabba li l-konsum tal-elettriku u tal-ilma tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi fil-fażi tal-użu huwa bil-bosta l-iktar aspett ambjentali importanti.

(8) Il-konsum tal-elettriku u tal-ilma tal-prodotti soġġetti għal dan ir-Regolament għandu jsir iktar effiċjenti billi jiġu applikati teknoloġiji eżistenti li mhumiex protetti bi privattiva u li huma kosteffikaċi li jistgħu inaqqsu l-kostijiet ikkombinati tax-xiri u t-tħaddim ta' dawn il-prodotti..

(9) Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn ma għandhomx jaffettwaw il-funzjonalità mill-perspettiva tal-utent aħħari u ma għandhomx jaffettwaw is-saħħa, is-sikurezza jew l-ambjent b'mod negattiv. B'mod partikolari, il-benefiċċji tat-tnaqqis tal-konsum tal-elettriku u tal-ilma waqt il-fażi tal-użu għandhom ipattu bil-kbir għal kwalunkwe impatt ambjentali addizzjonali waqt il-fażi tal-produzzjoni.

(10) Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għandhom jiddaħħlu b'mod gradwali sabiex il-manifatturi jkollhom biżżejjed żmien sa ma jerġgħu jiddisinjaw il-prodotti tagħhom li huma soġġetti għal dan ir-Regolament. Iż-żmien għal din l-introduzzjoni għandu jkun wieħed fejn jiġu evitati l-impatti negattivi fuq il-funzjonalitajiet tat-tagħmir li diġà qiegħed fis-suq, u fejn jitqiesu l-impatti tal-ispejjeż għall-utenti aħħarin u għall-manifatturi, b'mod partikolari l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, filwaqt li jiġi żgurat l-ilħiq f'waqtu tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

(11) Il-kejl tal-parametri rilevanti tal-prodott għandu jsir bl-użu ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl rikonoxxuti l-iktar avvanzati inklużi, fejn huma disponibbli, standards armonizzati adottati mill-korpi tal-istandardizzazzjoni Ewropej, kif elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti tekniċi dwar servizzi tas-Soċjetà tal-Informazzjoni ([1]).

([1]) ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

▼B

(12) Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/125/KE, dan ir-Regolament għandu jispeċifika l-proċeduri applikabbli għall-valutazzjoni tal-konformità.

(13) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli tal-konformità, il-manifatturi għandhom jipprovdu informazzjoni fid-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Annessi V u VI għad-Direttiva 2009/125/KE sakemm din l-informazzjoni tkun relatata mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

(14) Minbarra r-rekwiżiti legalment vinkolanti stipulati f'dan ir-Regolament, għandhom jiġu identifikati punti ta' riferiment indikattivi tal-aqwa teknoloġiji disponibbli biex jiżguraw disponibbiltà wiesgħa u aċċessibbiltà faċli għall-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti soġġetti għal dan ir-Regolament.

(15) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2009/125/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għat-tqegħid fis-suq tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi li jitħaddmu bl-elettriku mill-mejns u l-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi li jitħaddmu bl-elettriku mill-mejns li jistgħu jitħaddmu wkoll bil-batteriji, inklużi dawk li jinbiegħu għal użu mhux domestiku u magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi inkorporati.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal magni domestiċi li jaħslu kif ukoll inixxfu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/125/KE, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-fini ta' dan ir-Regolament:

(1) "magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika" tfisser magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ awtomatika li tnaddaf u tlaħlaħ it-tessuti billi tuża l-ilma li għandha wkoll funzjoni ta' estrazzjoni waqt it-tidwir (spin extraction function) u li hija ddisinjata biex prinċipalment tintuża għal skopijiet mhux professjonali;

(2) "magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika inkorporata" tfisser magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ maħsuba sabiex tiġi installata f'armarju, daħla f'ħajt apposta jew post simili, li tkun teħtieġ elementi ta' finitura;

(3) "magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ awtomatika" tfisser magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ fejn it-tagħbija tiġi ttrattata kompletament mill-magna mingħajr il-ħtieġa tal-intervent tal-utent fi kwalunkwe ħin matul il-programm;

(4) "magna domestika li taħsel kif ukoll tnixxef" tfisser magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika li tinkludi kemm il-funzjoni tal-estrazzjoni waqt it-tidwir kif ukoll mezz li jnixxef it-tessuti, ġeneralment permezz tat-tisħin u t-tidwir fl-arja sħuna;

▼B

(5) “programm” tfisser sensiela ta’ operazzjonijiet li huma ddefiniti minn qabel u ddikjarati bħala xierqa mill-manifattur għall-ħasil ta’ ċerti tipi ta’ tessuti;

(6) “ċiklu” tfisser proċess komplut ta’ ħasil, tlaħliħ u tidwir, kif iddefinit għall-programm magħżul;

(7) “il-ħin tal-programm” tfisser il-ħin li jgħaddi mill-bidu tal-programm sat-tmiem tal-programm u li jeskludi kwalunkwe dewmien ipprogrammat mill-utent aħħari;

(8) “il-kapaċità nominali” tfisser il-piż massimu f’kilogrammi ddikjarat mill-manifattur f’intervalli ta’ 0.5 kg ta’ tessuti niexfa ta’ tip partikolari, li jistgħu jiġu ttrattati f’magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika bil-programm magħżul, meta titgħabba skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

(9) “tagħbija parzjali” tfisser nofs il-kapaċità nominali ta’ magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika għal programm partikolari;

(10) “il-kontenut ta” ndewwa li jkun baqa’’ tfisser l-ammont ta’ ndewwa li jkun fiha t-tagħbija fit-tmiem tal-fażi tat-tidwir;

(11) “mitfija (off-mode)” tfisser kundizzjoni li fiha l-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika tintefa permezz tal-kontrolli tat-tagħmir jew l-iswiċċijiet aċċessibbli għall-utent aħħari u maħsuba għat-tħaddim minnu waqt l-użu normali sabiex jinkiseb il-konsum tal-enerġija l-iktar baxx li jista’ jippersisti għal ħin indefinit waqt li l-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika tkun imqabbda ma’ sors tal-enerġija u tintuża skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur; fejn ma jkun hemm l-ebda kontroll jew swiċċ aċċessibbli għall-utent aħħari, “mitfija” tfisser il-kundizzjoni li tintlaħaq wara li l-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ terġa’ lura waħedha għal stat stabbli ta’ konsum tal-enerġija;

(12) “tibqa” mixgħula (left-on mode)’ tfisser il-konsum tal-enerġija l-iktar baxx li jista’ jippersisti għal ħin indefinit wara t-tmiem tal-programm mingħajr l-ebda intervent ieħor mill-utent aħħari ħlief it-tbattil tal-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ;

(13) “magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ ekwivalenti” tfisser mudell ta’ magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika mqiegħed fis-suq bl-istess kapaċità nominali, karatteristiċi tekniċi u ta’ prestazzjoni, konsum tal-enerġija u tal-ilma u emissjonijiet ta’ storbju akustiku trażmess bl-arja waqt il-ħasil u t-tidwir bħal mudell ieħor ta’ magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika li jitqiegħed fis-suq mill-istess manifattur iżda b’numru tal-kodiċi kummerċjali differenti.

Artikolu 3

Rekwiżiti tal-ekodisinn

Ir-rekwiżiti ġeneriċi tal-ekodisinn għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi huma stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness I.

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-ekodisinn għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi huma stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness I.

▼B

Artikolu 4

Valutazzjoni tal-konformità

1. Il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/125/KE għandha tkun is-sistema tal-kontroll intern tad-disinn stabbilita fl-Anness IV għal dik id-Direttiva jew is-sistema tal-ġestjoni stabbilita fl-Anness V għal dik id-Direttiva.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/125/KE, il-fajl tad-dokumentazzjoni teknika għandu jinkludi kopja tal-kalkolu stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Fejn l-informazzjoni inkluża fil-fajl tad-dokumentazzjoni teknika għal mudell partikolari ta' magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika tkun inkisbet permezz ta' kalkolu abbażi tad-disinn, jew tal-estrapolazzjoni minn magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi ekwivalenti oħra, jew tat-tnejn, id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi dettalji ta' dawn il-kalkoli jew l-estrapolazzjonijiet, jew tat-tnejn, u tat-testijiet li jkunu saru mill-manifatturi biex jivverifikaw l-akkuratezza tal-kalkoli li jkunu saru. F'dawn il-każijiet, id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi wkoll lista tal-mudelli l-oħra kollha tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi ekwivalenti fejn l-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni teknika tkun inkisbet fuq l-istess bażi.

Artikolu 5

Proċedura tal-verifika għal skopijiet ta' sorveljanza tas-suq

L-Istati Membri għandhom iwettqu l-proċedura ta' verifika deskritta fl-Anness III għal dan ir-Regolament meta jwettqu l-kontrolli ta' sorveljanza tas-suq imsemmija fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2009/125/KE għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Punti ta' riferiment

Il-punti ta' riferiment indikattivi għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi bl-aħjar prestazzjoni li jkunu disponibbli fis-suq meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ huma stabbiliti fl-Anness VI.

Artikolu 7

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tanalizza dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku mhux iktar tard minn erba' snin wara li jidħol fis-seħħ u tippreżenta r-riżultat ta' din l-analiżi lill-Forum tal-Konsultazzjoni dwar l-Ekodisinn. L-analiżi għandha b'mod partikolari tivvaluta t-tolleranzi tal-verifika stabbiliti fl-Anness III, l-opportunità li tistabbilixxi rekwiżiti tal-effiċjenza waqt it-tlaħliħ u t-tnixxif bit-tidwir u l-potenzjal għal punt tad-dħul għall-ilma sħun.

▼B

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2011.

Madankollu, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn elenkati hawn taħt għandhom japplikaw skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) ir-rekwiżiti ġeneriċi tal-ekodisinn stabbiliti fil-punt 1(1) tal-Anness I għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2012;

▼C1

(b) ir-rekwiżiti ġeneriċi tal-ekodisinn stabbiliti fil-punt 1(2) tal-Anness I għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2012;

▼B

(c) ir-rekwiżiti ġeneriċi tal-ekodisinn stabbiliti fil-punt 1(3) tal-Anness I għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2013;

(d) ir-rekwiżiti speċifiċi tal-ekodisinn stabbiliti fil-punt 2(2) tal-Anness I għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Rekwiżiti tal-ekodisinn

1. REKWIŻITI ĠENERIĊI TAL-EKODISINN

(1) Għall-kalkolu tal-konsum tal-enerġija u l-parametri l-oħra għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi, għandhom jintużaw iċ-ċikli li jnaddfu l-ħwejjeġ tal-qoton li ma jkunux maħmuġin ħafna (minn hawn il quddiem imsejħa "programmi standard għall-qoton") f' 40 °C u 60 °C. Dawn iċ-ċikli għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar fuq it-tagħmir tal-għażla tal-programm tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi jew id-displej tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi, kemm jekk ikun hemm wieħed minn dawn it-tipi ta' tagħmir kif ukoll jekk ikun hemm it-tnejn, u jkunu indikati bħala "programm standard għall-qoton f'60 °C" u "programm standard għall-qoton f'40 °C".

(2) Il-ktejjeb tal-istruzzjonijiet ipprovdut mill-manifattur għandu jagħti:

(a) il-programmi standard għall-qoton f'60 °C u f'40 °C, imsemmija "programm standard għall-qoton f'60 °C" u "programm standard għall-qoton f'40 °C", u għandu jispeċifika li huma adattati biex inaddfu l-ħwejjeġ tal-qoton li ma jkunux maħmuġin ħafna u li huma l-iktar programmi effiċjenti f'termini ta' konsum tal-enerġija u tal-ilma flimkien għall-ħasil ta' dak it-tip ta' ħwejjeġ; barra minn hekk, għandu jagħti indikazzjoni li t-temperatura tal-ilma fir-realtà tista' tkun differenti mit-temperatura taċ-ċiklu ddikjarata;

(b) il-konsum tal-enerġija meta mitfija jew meta tibqa' mixgħula;

(c) informazzjoni indikattiva dwar il-ħin tal-programm, il-kontenut ta' ndewwa li jkun baqa', il-konsum tal-enerġija u tal-ilma għall-programmi tal-ħasil ewlenin b'tagħbija sħiħa jew tagħbija parzjali, jew it-tnejn;

(d) rakkomandazzjoni dwar it-tipi ta' deterġenti adattati għad-diversi temperaturi tal-ħasil.

(3) Il-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi għandhom jipprovdu lill-utent aħħari b'ċiklu ta' 20 °C. Dan il-programm għandu jkun jista' jiġu identifikati b'mod ċar fuq it-tagħmir tal-għażla tal-programm tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi jew id-displej tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi, kemm jekk ikun hemm wieħed minn dawn it-tipi ta' tagħmir kif ukoll jekk ikun hemm it-tnejn.

2. REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TAL-EKODISINN

Il-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(1) Mill-1 ta' Diċembru 2011:

— għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi kollha, l-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Enerġija (Energy Efficiency Index, *EEI*) għandu jkun inqas minn 68,

— għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità nominali ogħla minn 3 kg, l-Indiċi tal-Effiċjenza fil-Ħasil (Washing Efficiency Index, I_w) għandu jkun ogħla minn 1,03,

— għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità nominali ekwivalenti għal jew anqas minn 3 kg, l-Indiċi tal-Effiċjenza fil-Ħasil (I_w) għandu jkun ogħla minn 1,00,

— għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi kollha, il-Konsum tal-Ilma (Water Consumption, W_t) għandu jkun:

$$W_t \leq 5 \times c + 35$$

fejn c hija l-kapaċità nominali tal-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika għall-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa jew għall-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija sħiħa, skont liema waħda minnhom tkun l-iktar baxxa.

▼B

(2) Mill-1 ta' Diċembru 2013:

— għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità nominali ekwivalenti għal jew ogħla minn 4 kg, l-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Enerġija (*EEI*) għandu jkun inqas minn 59,

— għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi kollha, il-konsum tal-ilma għandu jkun,

$$W_t \leq 5 \times c_{½} + 35$$

fejn $c_{½}$ hija l-kapaċità nominali tal-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika għall-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija parzjali jew għall-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija parzjali, skont liema waħda minnhom tkun l-iktar baxxa.

L-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Enerġija (*EEI*), l-Indiċi tal-Effiċjenza fil-Ħasil (I_w) u l-Konsum tal-Ilma (*Wt*) huma kkalkulati skont l-Anness II.

▼B

ANNESS II

Metodu għall-kalkolu tal-Indici tal-Effiċjenza fl-Enerġija, l-Indiċi tal-Effiċjenza fil-Ħasil, il-konsum tal-ilma u l-kontenut ta' ndewwa li jkun baqa'

1. KALKOLU TAL-INDIĊI TAL-EFFIĊJENZA FL-ENERĠIJA

Għall-kalkolu tal-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Enerġija (*EEI*) ta' mudell ta' magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika, il-konsum annwali tal-enerġija ppeżat ta' magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika għall-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa jew parzjali u għall-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija parzjali jitqabbel mal-konsum standard annwali tal-enerġija tagħha.

(a) L-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Enerġija (*EEI*) jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja u jinġieb sa ċifra waħda wara l-punt deċimali:

$$EEI = \frac{AE_C}{SAE_C} \times 100$$

fejn:

AE_C = il-konsum annwali tal-enerġija ppeżat tal-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika;

SAE_C = il-konsum standard annwali tal-enerġija tal-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika.

(b) Il-konsum standard annwali tal-enerġija (SAE_C) jiġi kkalkulat f'kWh/sena skont il-formula li ġejja u jinġieb sa żewġ ċifri wara l-punt deċimali:

$$SAE_C = 47,0 \times c + 51,7$$

fejn:

c = il-kapaċità nominali tal-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika għall-programm standard tal-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa jew għall-programm standard tal-qoton f'40 °C b'tagħbija sħiħa, skont liema waħda minnhom tkun l-iktar baxxa.

(c) Il-konsum annwali tal-enerġija ppeżat (AE_C) jiġi kkalkulat f'kWh/sena skont il-formula li ġejja u jinġieb sa żewġ ċifri wara l-punt deċimali:

(i)

$$AE_C = E_t \times 220 + \frac{\left[P_o \times \frac{525\,600 - (T_t \times 220)}{2} + P_l \times \frac{525\,600 - (T_t \times 220)}{2}\right]}{60 \times 1000}$$

fejn:

E_t = il-konsum tal-enerġija ppeżat;

P_o = l-enerġija ppeżata meta tkun "mitfija";

P_l = l-enerġija ppeżata meta "tibqa" mixgħula';

T_t = il-ħin tal-programm;

220 = l-għadd totali taċ-ċikli tal-ħasil standard fis-sena.

▼B

(ii) Meta l-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika tkun mgħammra b'sistema għall-ġestjoni tal-enerġija, li permezz tagħha l-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika tintefa awtomatikament meta jintemm il-programm, il-konsum annwali tal-enerġija (AE_C) jiġi kkalkulat billi jitqies il-ħin li matulu l-magna effettivament "tibqa" mixgħula', skont il-formula li ġejja:

$$AE_C = E_t \times 220 + \frac{\{(P_l \times T_l \times 220) + P_o \times [525\ 600 - (T_t \times 220) - (T_l \times 220)]\}}{60 \times 1\ 000}$$

fejn:

T_l = il-ħin li matulu "tibqa" mixgħula'.

(d) Il-konsum tal-enerġija ppeżat (E_t) jiġi kkalkulat f'kWh skont il-formula li ġejja u jinġieb sa tliet ċifri wara l-punt deċimali:

$$E_t = [3 \times E_{t,60} + 2 \times E_{t,60½} + 2 \times E_{t,40½}]/7$$

fejn:

$E_{t,60}$ = il-konsum tal-enerġija tal-programm standard għall-qoton f'60 °C;

$E_{t,60½}$ = il-konsum tal-enerġija tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija parzjali;

$E_{t,40½}$ = il-konsum tal-enerġija tal-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija parzjali.

(e) L-enerġija ppeżata meta "mitfija" (P_o) tiġi kkalkulata f'W skont il-formula li ġejja u tinġieb sa żewġ ċifri wara l-punt deċimali:

$$P_o = (3 \times P_{o,60} + 2 \times P_{o,60½} + 2 \times P_{o,40½})/7$$

fejn:

$P_{o,60}$ = l-enerġija meta "mitfija" tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa;

$P_{o,60½}$ = l-enerġija meta "mitfija" tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija parzjali;

$P_{o,40½}$ = l-enerġija meta "mitfija" tal-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija parzjali.

(f) L-enerġija ppeżata meta "tibqa" mixgħula' (P_l) tiġi kkalkulata f'W skont il-formula li ġejja u tinġieb sa żewġ ċifri wara l-punt deċimali:

$$P_l = (3 \times P_{l,60} + 2 \times P_{l,60½} + 2 \times P_{l,40½})/7$$

fejn:

$P_{l,60}$ = l-enerġija meta "tibqa" mixgħula' tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa;

$P_{l,60½}$ = l-enerġija meta "tibqa" mixgħula' tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija parzjali;

$P_{l,40½}$ = l-enerġija meta "tibqa" mixgħula' tal-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija parzjali.

▼B

(g) Il-ħin tal-programm ippeżat (T_t) jiġi kkalkulat f'minuti skont il-formula li ġejja u jinġieb sal-eqreb minuta:

$$T_t = (3 \times T_{t,60} + 2 \times T_{t,60½} + 2 \times T_{t,40½})/7$$

fejn:

$T_{t,60}$ = il-ħin tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa;

$T_{t,60½}$ = il-ħin tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija parzjali;

$T_{t,40½}$ = il-ħin tal-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija parzjali.

(h) Il-ħin li matulu "tibqa" mixgħula' (T_l) jiġi kkalkulat f'minuti skont il-formula li ġejja u jinġieb sal-eqreb minuta:

$$T_l = (3 \times T_{l,60} + 2 \times T_{l,60½} + 2 \times T_{l,40½})/7$$

fejn:

$T_{l,60}$ = il-ħin li matulu "tibqa" mixgħula' tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa;

$T_{l,60½}$ = il-ħin li matulu "tibqa" mixgħula' tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija parzjali;

$T_{l,40½}$ = il-ħin li matulu "tibqa" mixgħula' tal-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija parzjali.

2. KALKOLU TAL-INDIĊI TAL-EFFIĊJENZA FIL-ĦASIL

Għall-kalkolu tal-Indiċi tal-Effiċjenza fil-Ħasil (I_w), l-effiċjenza fil-ħasil ippeżata tal-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika għall-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa jew parzjali u għall-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija parzjali titqabbel mal-effiċjenza fil-ħasil ta' magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ ta' referenza, fejn il-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ ta' referenza għandu jkollha l-karatteristiċi indikati fil-metodi l-iktar avvanzati u rikonoxxuti b'mod ġenerali, inklużi l-metodi stabbiliti fid-dokumenti li n-numri tar-referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dak il-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(a) L-Indiċi tal-Effiċjenza fil-Ħasil (I_w) jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja u jinġieb sa tliet ċifri wara l-punt deċimali

$$I_W = \frac{(3 \times I_{W,60} + 2 \times I_{W,60½} + 2 \times I_{W,40½})}{7}$$

fejn:

$I_{W,60}$ = l-Indiċi tal-Effiċjenza fil-Ħasil tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa;

$I_{W,60½}$ = l-Indiċi tal-Effiċjenza fil-Ħasil tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija parzjali;

$I_{W,40½}$ = l-Indiċi tal-Effiċjenza fil-Ħasil tal-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija parzjali.

(b) L-Indiċi tal-Effiċjenza fil-Ħasil ta' programm wieħed standard għall-qoton (p) jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$I_{W,p} = \frac{1}{n} \times \sum_{i=1}^{n} \left(\frac{W_{T,i}}{W_{R,a}} \right)$$

fejn:

$W_{T,i}$ = l-Effiċjenza fil-Ħasil tal-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestika li qiegħda tiġi ttestjata għal ċiklu wieħed tat-test (i);

▼B

$W_{R,a}$ = l-Effiċjenza Medja fil-Ħasil tal-magna tal-ħasil ta' referenza;

n = l-għadd ta' ċikli tal-ħasil, $n \geq 3$ għall-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa, n ≥ 2 għall-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija parzjali u n ≥ 2 għall-programm standard għall-qoton f'40 °C b'tagħbija parzjali.

(c) L-Effiċjenza fil-Ħasil (W) hija l-medja tal-valuri ta' riflessjoni ta' kull strippa tat-test wara li jitlesta ċiklu tat-test.

3. KALKOLU TAL-KONSUM TAL-ILMA

Il-konsum tal-ilma (W_t) jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja u jinġieb sa ċifra waħda wara l-punt deċimali:

$$W_t = W_{t,60}$$

fejn:

$W_{t,60}$ = il-konsum tal-ilma tal-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa.

4. KALKOLU TAL-KONTENUT TA' NDEWWA LI JKUN BAQA'

Il-kontenut ta' ndewwa li jkun baqa' (D) ta' programm jiġi kkalkulat bħala perċentwali u jinġieb sal-eqreb perċentwali sħiħa.

▼B

ANNESS III

Proċedura tal-verifika għal skopijiet ta' sorveljanza tas-suq

Għall-finijiet tal-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness I, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jittestjaw magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ waħda. Jekk il-parametri mkejla ma jaqblux mal-valuri ddikjarati fil-fajl tad-dokumentazzjoni teknika mill-manifattur skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) fil-limiti stabbiliti fit-Tabella 1, il-kejl għandu jitwettaq fuq tliet magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi oħra. Il-medja aritmetika tal-valuri mkejla ta' dawn it-tliet magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti fil-limiti stabbiliti fit-Tabella 1, għajr għall-konsum tal-enerġija fejn il-valur imkejjel ma għandux ikun ikbar mill-valur nominali E_t b'iktar minn 6 %.

Inkella, għandu jitqies li l-mudell u l-mudelli kollha l-oħra tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi mhumiex konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness I.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw proċeduri ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-iktar avvanzati rikonoxxuti b'mod ġenerali, inklużi l-metodi stabbiliti f'dokumenti li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dak il-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Tabella 1

Parametri mkejla	Tolleranzi tal-verifika
Konsum annwali tal-enerġija	Il-valur imkejjel ma għandux ikun ikbar mill-valur nominali (*) tal-AE_C b'iktar minn 10 %.
Indiċi tal-effiċjenza fil-ħasil	Il-valur imkejjel ma għandux ikun inqas mill-valur nominali tal-I_W b'iktar minn 4 %.
Konsum tal-enerġija	Il-valur imkejjel ma għandux ikun ikbar mill-valur nominali tal-E_t b'aktar minn 10 %.
Ħin tal-programm	Il-valur imkejjel ma għandux ikun itwal mill-valuri nominali tat-T_t b'aktar minn 10 %.
Konsum tal-ilma	Il-valur imkejjel ma għandux ikun ikbar mill-valur nominali tal-W_t b'aktar minn 10 %.
Konsum tal-enerġija meta mitfija u meta tibqa' mixgħula	Il-valur imkejjel tal-konsum tal-enerġija P_o u P_l li jkun ikbar minn 1.00 W ma għandux ikun ikbar mill-valur nominali b'iktar minn 10 %. Il-valur imkejjel tal-konsum tal-enerġija P_o u P_l li jkun inqas minn jew ekwivalenti għal 1.00 W ma għandux ikun ikbar mill-valur nominali b'iktar minn 0.10 W.
Ħin li matulu tibqa' mixgħula	Il-valur imkejjel ma għandux ikun itwal mill-valur nominali tat-T_l b'iktar minn 10 %.

(*) "valur nominali" tfisser il-valur li jiġi ddikjarat mill-manifattur

▼B

ANNESS IV

Punti ta' riferiment

Meta dan ir-Regolament daħal fis-seħħ, l-aqwa teknoloġiji disponibbli fis-suq għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi, f'termini tal-konsum tal-ilma u tal-enerġija, l-effiċjenza fil-ħasil u l-emissjonijiet ta' storbju akustiku trażmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir tagħhom għall-programm standard għall-qoton f'60 °C b'tagħbija sħiħa, ġew identifikati kif ġej (*):

(1) Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità nominali ta' 3 kg:

(a) konsum tal-enerġija: 0,57 kWh/ċiklu (jew 0,19 kWh/kg), li jikkorrispondu għal konsum totali annwali tal-enerġija ta' 117,84 kWh/sena, li minnhom 105,34 kWh/sena huma għal 220 ċiklu u 12,5 kWh/sena huma waqt l-użu b'konsum baxx ta' enerġija;

(b) konsum tal-ilma: 39 litru/ċiklu, li jikkorrispondu għal 8 580 litru/sena għal 220 ċiklu;

(c) indiċi tal-effiċjenza fil-ħasil: ta' $1,03 \geq I_w > 1,00$;

(d) emissjonijiet ta' storbju akustiku trażmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir (900 rpm): mhux disponibbli;

(2) Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità nominali ta' 3,5 kg:

(a) konsum tal-enerġija: 0,66 kWh/ċiklu (jew 0,19 kWh/kg), li jikkorrispondu għal konsum totali annwali tal-enerġija ta' 134,50 kWh/sena, li minnhom 122,00 kWh/sena huma għal 220 ċiklu u 12,5 kWh/sena huma waqt l-użu b'konsum baxx ta' enerġija;

(b) konsum tal-ilma: 39 litru/ċiklu, li jikkorrispondu għal 8 580 litru/sena għal 220 ċiklu;

(c) indiċi tal-effiċjenza fil-ħasil: I_w ta' 1,03;

(d) emissjonijiet ta' storbju akustiku trażmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir (1 100 rpm): mhux disponibbli;

(3) Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità nominali ta' 4,5 kg:

(a) konsum tal-enerġija: 0,76 kWh/ċiklu (jew 0,17 kWh/kg) li jikkorrispondu għal konsum totali annwali tal-enerġija ta' 152,95 kWh/sena, li minnhom 140,45 kWh/sena huma għal 220 ċiklu u 12,5 kWh/sena huma waqt l-użu b'konsum baxx ta' enerġija;

(b) konsum tal-ilma: 40 litru/ċiklu, li jikkorrispondu għal 8 800 litru/sena għal 220 ċiklu;

(c) indiċi tal-effiċjenza fil-ħasil: I_w ta' 1,03;

(d) emissjonijiet ta' storbju akustiku trażmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir (1 000 rpm): 55/70 dB(A) re 1pW;

(4) Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità nominali ta' 5 kg:

(a) konsum tal-enerġija: 0,850 kWh/ċiklu (jew 0,17 kWh/kg) li jikkorrispondu għal konsum totali annwali tal-enerġija ta' 169,60 kWh/sena, li minnhom 157,08 kWh/sena huma għal 220 ċiklu u 12,5 kWh/sena huma waqt l-użu b'konsum baxx ta' enerġija;

(b) konsum tal-ilma: 39 litru/ċiklu, li jikkorrispondu għal konsum tal-ilma annwali ta' 8 580 litru għal 220 ċiklu;

(c) indiċi tal-effiċjenza fil-ħasil: I_w ta' 1,03;

(d) emissjonijiet ta' storbju akustiku trażmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir (1 200 rpm): 53/73 dB(A) re 1pW;

(*) Għall-evalwazzjoni tal-konsum annwali tal-enerġija, il-metodu tal-kalkolu stabbilit fl-Anness II intuża għal ħin ta' programm ta' 90 minuta flimkien ma' enerġija ta' 1 W meta l-magna tkun mitfija u enerġija ta' 2 W meta tibqa' mixgħula.

▼B

(5) Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità nominali ta' 6 kg:

(a) konsum tal-enerġija: 0,90 kWh/ċiklu (jew 0,15 kWh/kg) li jikkorrispondu għal konsum totali annwali tal-enerġija ta' 178,82 kWh/sena, li minnhom 166,32 kWh/sena huma għal 220 ċiklu u 12.5 kWh/sena huma waqt l-użu b'konsum baxx ta' enerġija;

(b) konsum tal-ilma: 37 litru/ċiklu, li jikkorrispondu għal konsum tal-ilma annwali ta' 8 140 litru għal 220 ċiklu;

(c) indiċi tal-effiċjenza fil-ħasil: I_w ta' 1,03;

(d) emissjonijiet ta' storbju akustiku tražmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir (1 600 rpm): mhux disponibbli;

(6) Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità nominali ta' 7 kg:

(a) konsum tal-enerġija: 1,05 kWh/ċiklu (jew 0,15 kWh/kg) li jikkorrispondu għal konsum totali annwali tal-enerġija ta' 201,00 kWh/sena, li minnhom 188,50 kWh/sena huma għal 220 ċiklu u 12,5 kWh/sena huma waqt l-użu b'konsum baxx ta' enerġija;

(b) konsum tal-ilma: 43 litru/ċiklu, li jikkorrispondu għal konsum tal-ilma annwali ta' 9 460 litru għal 220 ċiklu;

(c) indiċi tal-effiċjenza fil-ħasil: I_w ta' 1,03;

(d) emissjonijiet ta' storbju akustiku tražmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir (1 000 rpm): 57/73 dB(A) re 1pW;

(e) emissjonijiet ta' storbju akustiku tražmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir (1 400 rpm): 59/76 dB(A) re 1pW;

(f) emissjonijiet ta' storbju akustiku tražmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir (1 200 rpm): 48/62 dB(A) re 1pW (għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi inkorporati);

(7) Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi b'kapaċità nominali ta' 8 kg:

(a) konsum tal-enerġija: 1200 kWh/ċiklu (jew 0,15 kWh/kg) li jikkorrispondu għal konsum totali annwali tal-enerġija ta' 234,26 kWh/sena, li minnhom 221,76 kWh/sena huma għal 220 ċiklu u 12,5 kWh/sena huma waqt l-użu b'konsum baxx ta' enerġija;

(b) konsum tal-ilma: 56 litru/ċiklu, li jikkorrispondu għal konsum tal-ilma annwali ta' 12 320 litru għal 220 ċiklu;

(c) indiċi tal-effiċjenza fil-ħasil: I_w ta' 1,03;

(d) emissjonijiet ta' storbju akustiku tražmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir (1 400 rpm): 54/71 dB(A) re 1pW;

(e) emissjonijiet ta' storbju akustiku tražmess bl-arja waqt il-ħasil/it-tidwir (1 600 rpm): 54/74 dB(A) re 1pW.